MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
GABRIELLA VELLA**

Seduta ta' l-20 ta' April, 2012

Avviz Numru. 273/2011

**Banif Bank (Malta) p.l.c. (C-41030)**

**Vs**

**Johannes Dahlback (Passaport Svediz 23093459)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat mis-socjeta' attrici permezz ta' liema titlob li Johannes Dahlback jigi kkundannat ihallas is-somma ta' disat elef mitejn erbgha u tmenin Euro u erbgha u ghoxrin centezmu (€9,284.24) rapprezentanti flus li huwa gibed fuq il-Credit Card tieghu numru 4196 8060 0001 3942 li huwa ghandu mas-socjeta' attrici, sat-18 ta' Awwissu 2001, liema somma tinkludi imghaxijiet ammontanti ghal tliet mija u hamsa u disghin Euro u hamsa u tmenin centezmu (€395.85), u dana billi l-ammont sar dovut kollu lis-socjetà attrici ai termini ta' l-Artikolu 11(f) tal-Conditions of Use marbuta mal-Credit Card, Dok. "A" anness mar-Rikors promotur, peress illi l-konvenut repetutament naqas li jaghmel il-pagamenti kif

stipulat fl-imsemmija Conditions of Use, bl-imghaxijiet ulterjuri skond ir-rata imsemmija fl-Artikolu 8 tal-Conditions of Use imsemmija u partikolarment it-Tariff of Charges, Dok. “C” anness mar-Rikors promotur, mit-18 ta’ Awwsu 2011 sad-data ta’ l-effettiv pagament u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra legali datata 21 ta’ Lulju 2010, Dok. “D” anness mar-Rikors promotur, u l-ittra ufficjali mibghuta a tenur ta’ l-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta datata 20 ta’ Gunju 2011, Dok. “E” anness mar-Rikors promotur, liema ittri baqghu mhux notifikati lill-konvenut, u tal-mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma’ l-imsemmija ittra ufficjali, u l-ispejjez marbuta mal-bank charges and fees dovuti skond l-Artikolu 9 tal-Conditions of Use u t-Tariff of Charges imsemmija mit-18 ta’ Awwissu 2011 sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut.

Rat id-dokumenti markati bhala Dok. “A”, Dok. “B”, Dok. “C”, Dok. “D” u Dok. “E” annessi mis-socjetà attrici flimkien mar-Rikors promotur;

Rat illi l-konvenut gie notifikat bil-procedura ta’ l-affissjoni u pubblikazzjoni a tenur ta’ l-Artikolu 187(3) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta, izda naqas milli jipprezenta Risposta ghat-talbiet attrici u lanqas deher ghas-seduti ffissati minn din il-Qorti;

Semghet ix-xhieda moghtja minn Vanessa Bugeja, rapprezentant tas-socjetà attrici, waqt is-seduta tal-20 ta’ Marzu 2012;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bl-azzjoni odjerna s-socjeta’ attrici titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta’ €9,284.24, rapprezentanti flus li huwa gibed fuq il-Credit Card tieghu numru 4196 8060 0001 3942 li huwa ghandu mas-socjeta’ attrici, sat-18 ta’ Awwissu 2001, liema somma tinkludi imghaxijiet ammontanti ghal €395.85, liema ammont sar dovut kollu lis-socjetà attrici ai termini ta’ l-Artikolu 11(f)

tal-Conditions of Use marbuta mal-Credit Card, Dok. “A” anness mar-Rikors promotur, peress illi l-konvenut repetutament naqas li jaghmel il-pagamenti kif stipulat fl-imsemmija Conditions of Use.

Waqt is-seduta ta’ l-20 ta’ Marzu 2012 Vanessa Bugeja, rapprezentant tas-socjetà attrici, ikkonfermat li s-somma mitluba mis-socjetà attrici fir-Rikors promotur ghadha dovuta peress illi mid-data minn meta gew istitwiti dawn il-proceduri ma gew effettwati ebda pagamenti mill-konvenut. Din ix-xhieda ta’ Vanessa Bugeja u dak affermat mis-socjetà attrici fir-Rikors promotur u l-kondizzjonijiet li bihom huwa marbut il-konvenut fil-konfront tas-socjetà attrici ma gewx kontradetti mill-konvenut li ghalkemm notifikat bir-Rikors promotur permezz tal-procedura ta’ l-affissjoni u pubblikazzjoni a tenur ta’ l-Artikolu 187(3) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta, naqas milli jipprezenta Risposta ghat-talbiet attrici u lanqas deher ghas-seduti ffissati minn din il-Qorti.

Mill-provi prodotti mis-socjeta’ attrici jirrizulta b’mod sodisfacenti li l-konvenut effettivament huwa debitur taghha fl-ammont minnha pretiz u li ghalhekk ghandu jhallasha tali l-ammont, flimkien ma’ l-imghaxijiet ulterjuri u spejjez minnha pretizi.

Ghal dan ir-ragunijiet il-Qorti taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjetà attrici s-somma ta’ €9,284.24, bl-imghax ulterjuri dekorribbli mit-18 t’ Awwissu 2011 sad-data ta’ l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri, inkluzi dawk tal-mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju ottenut kontra l-konvenut, u l-ispejjez marbuta mal-bank charges and fees dovuti skond l-Artikolu 9 tal-Conditions of Use u t-Tariff of Charges mit-18 ta’ Awwissu 2011 sad-data tal-hlas effettiv, jibqghu a karigu tal-konvenut. L-ispejjez relattivi ghall-ittra ufficjali mahruga a tenur ta’ l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta datata 20 ta’ Gunju 2011 u li baqghet ma gietx notifikata lill-konvenut, jibqghu a karigu tas-socjetà attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------